KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fl-4 ta' Ottubru 2024[1]

Kawżi magħquda C-313/23, C-316/23 u C-332/23

Inspektorat kam Visshia sadeben savet

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 TUE – Spettorat ġudizzjarju kompetenti sabiex jipproponi li jinfetħu proċeduri dixxiplinarji kontra l-imħallfin u l-prosekuturi – Żamma tal-funzjonijiet tal-membri tal-Ispettorat ġudizzjarju lil hinn mit-terminu legali tal-mandat tagħhom – Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Kunċett ta' 'kontrollur' – Determinazzjoni mid-dritt nazzjonali tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar – Sigurtà tad-data personali – Awtorità ġudizzjarja li tawtorizza lill-Ispettorat ġudizzjarju jingħata aċċess għad-data personali relatata mal-bilanċi tal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża toffri l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi, għall-ewwel darba, fuq il-kompatibbiltà mal-Artikolu 19 TUE ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-membri ta' korp ta' spezzjoni tal-membri tal-ġudikatura, b'kompetenzi fil-qasam tal-proċeduri dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin u tal-prosekuturi, ikomplu jeżerċitaw, *de facto* u għal żmien indeterminat, il-funzjonijiet tagħhom lil hinn mill-perijodu legali tal-mandat tagħhom.

2. Din il-kawża ser tippermetti wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tkompli bil-ħidma tagħha li tinterpreta r-Regolament (UE) 2016/679[2], billi tispjega, minn naħa, il-ġurisprudenza tagħha relatata mal-ħatra mid-dritt nazzjonali tal-kontrollur tad-data personali u, min-naħa l-oħra, l-għan tar-rimedju ġudizzjarju previst fl-Artikolu 79(1) ta' dan ir-regolament.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. F'din il-kawża huma rilevanti l-Artikolu 19 TUE, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-Artikoli 4, 5, 32, 33 u 79 tal-GDPR.

B. Id-dritt Bulgaru

1. Il-Kostituzzjoni Bulgara

4. L-Artikolu 117(2) tal-Konstitutsiya na Republika Bulgaria (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni Bulgara"), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jistipula:

"Il-ġudikatura għandha tkun indipendenti. Fil-qadi ta' dmirijiethom, l-imħallfin, il-ġurati, il-prosekuturi u l-maġistrati inkwirenti għandhom ikunu suġġetti biss għal-liġi."

5. L-Artikolu 132a ta' din il-kostituzzjoni, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jistipula:

"(1) Fi ħdan il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura għandu jitwaqqaf korp ta' spezzjoni. Dan għandu jkun magħmul minn Kap Spettur u għaxar spetturi.

(2) Il-Kap Spettur għandu jiġi elett mill-Assemblea Nazzjonali b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tagħha, għal perijodu ta' ħames snin.

(3) L-ispetturi huma eletti mill-Assemblea Nazzjonali għal perijodu ta' erba' snin, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2.

(4) Il-Kap Spettur u l-ispetturi jistgħu jiġu eletti mill-ġdid, iżda dan ma għandux iseħħ għal żewġ mandati konsekuttivi.

[…]

(6) L-Ispettorat għandu jivverifika l-attività tal-awtoritajiet tal-ġudikatura, mingħajr ma jimmina l-indipendenza tal-imħallfin, tal-ġurati, tal-prosekuturi u tal-maġistrati inkwirenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. L-Ispettorat għandu jwettaq kontrolli fuq l-integrità u l-kunflitti ta' interessi tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-maġistrati inkwirenti, fuq id-dikjarazzjonijiet tal-patrimonju tagħhom u fuq l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet li jikkawżaw dannu għar-reputazzjoni tal-ġudikatura u ta' dawk relatati mal-ksur tal-indipendenza tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-maġistrati inkwirenti. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Kap Spettur u l-ispetturi għandhom ikunu indipendenti u għandhom ikunu suġġetti biss għal-liġi.

(7) L-Ispettorat għandu jaġixxi *ex officio*, fuq l-inizjattiva taċ-ċittadini, ta' persuni ġuridiċi u ta' korpi tal-Istat, inkluż imħallfin, prosekuturi u maġistrati inkwirenti.

[…]

(10) Il-kundizzjonijiet u l-proċedura applikabbli għall-elezzjoni u għar-revoka tal-Kap Spettur u tal-ispetturi, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korp ta' spezzjoni, għandhom jiġu stabbiliti mil-liġi."

2. Il-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju

6. L-Artikolu 46 taz-Zakon za sadebnata vlast (il-Liġi dwar is-Setgħa Ġudizzjarja) (DV nº64 tas-7 ta' Awwissu 2007) huwa redatt b'dan il-mod:

"L-Assemblea Nazzjonali għandha teleġġi l-Kap Spettur u kull wieħed mill-ispetturi individwalment b'maġġoranza ta' żewġ terzi tad-deputati."

7. L-Artikolu 54 ta' din il-liġi jistipula:

"(1) L-[Ispettorat]:

[…]

2. għandu jikkontrolla l-organizzazzjoni tal-ftuħ u tal-iżvolġiment tal-proċeduri ġudizzjarji, tal-proċeduri ta' prosekuzzjoni mill-Prosekutur u tal-investigazzjonijiet, kif ukoll l-għeluq tal-kawżi fit-termini stipulati;

[…]

6. għandu jipproponi sanzjonijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin, il-prosekuturi, il-maġistrati inkwirenti u l-uffiċjali amministrattivi tal-ġudikatura;

7. għandu joħroġ twissijiet, jagħmel suġġerimenti u jfassal rapporti lil awtoritajiet statali oħra, inkluż awtoritajiet ġudizzjarji;

8. għandu jwettaq kontrolli fuq l-integrità u l-kunflitti ta' interessi tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-maġistrati inkwirenti, fuq id-dikjarazzjonijiet tal-patrimonju tagħhom u fuq l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet li jikkawżaw dannu għar-reputazzjoni tal-ġudikatura u ta' dawk relatati mal-ksur tal-indipendenza tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-maġistrati inkwirenti;

[…]

15. għandu jikkontrolla l-ipproċessar tad-data personali fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali.

(2) Meta jkun qiegħed iwettaq il-kontroll imsemmi fil-punt 15 tal-paragrafu 1, l-Ispettorat għandu jeżegwixxi l-kompiti u jeżerċita s-setgħat previsti mil-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali.

[…]"

8. L-Artikolu 175a tal-imsemmija liġi jistipula fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-imħallfin, il-prosekuturi u l-maġistrati inkwirenti għandhom jissottomettu d-dikjarazzjonijiet segwenti lill-[Ispettorat]:

1. dikjarazzjoni tal-patrimonju u tal-interessi tad-dikjaranti f'żewġ partijiet;

2. dikjarazzjoni ta' bidla fiċ-ċirkustanzi fil-konfront tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 1, tal-parti li tikkonċerna l-interessi msemmija fil-punti 11 sa 13 tal-Artikolu 175b(1), u li tikkonċerna l-oriġini tal-fondi fil-każ ta' rimbors antiċipat ta' dejn u ta' self."

[…]"

9. L-Artikolu 175b(4) tal-istess liġi, jistipula dan li ġej:

"L-imħallfin, il-prosekuturi u l-maġistrati inkwirenti għandhom jiddikjaraw il-patrimonju u d-dħul tal-konjuġi tagħhom jew ta' persuni li magħhom huma jgħixu bħala konjuġi, u tal-ulied minuri tagħhom."

10. L-Artikolu 175e tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju jistipula:

"(1) Fis-sitt xhur wara l-iskadenza tat-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni, l-[Ispettorat] għandu jivverifika l-veraċità tal-fatti ddikjarati.

[…]

(6) L-[Ispettorat] jista' jikseb informazzjoni mis-sistemi ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 56 u 56a tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu. Il-Kap Spettur u l-ispetturi tal-[Ispettorat] jistgħu jitolbu t-tneħħija tas-sigriet bankarju lir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) fil-ġurisdizzjoni li fiha s-suġġett tad-data jkun iddomiċiljat, sakemm ma jkunx ingħata l-kunsens skont il-punt 1 tal-Artikolu 62(5) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu. Il-kunsens għandu jingħata quddiem l-[Ispettorat], bil-miktub, mingħajr ċertifikazzjoni notarili tal-firma, fuq formola approvata mill-Kap Spettur."

3. Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu

11. Iż-Zakon za kreditnite institutsii (il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (DV nº59 tal-21 ta' Lulju 2006), jistipula fl-Artikolu 62 tiegħu, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali:

"(1) L-impjegati tal-bank, il-membri tal-korpi ta' ġestjoni u ta' sorveljanza tal-banek, l-aġenti tal-Bank Nazzjonali tal-Bulgarija (BNB), l-impjegati u l-membri tal-bord tat-tmexxija tal-Fond ta' Garanzija tad-Depożiti, il-likwidaturi, l-amministraturi provviżorji u l-istralċjarji, kif ukoll kwalunkwe persuni oħra li jaħdmu f'bank, huma pprojbiti milli jiżvelaw jew jużaw għall-gwadann personali tagħhom jew għall-gwadann ta' membri tal-familja tagħhom informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet bankarju.

(2) Is-sigriet bankarju huwa magħmul mill-fatti u ċirkustanzi li jaffetwaw il-bilanċ u t-tranżazzjonijiet tal-kontijiet u tad-depożiti tal-klijenti tal-bank.

[…]

(5) Ħlief lill-BNB u għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 56, il-bank ma jistax jagħti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 dwar klijenti individwali jekk mhux:

1. bil-kunsens tagħhom;

2. bis-saħħa ta' deċiżjoni ta' qorti, meħuda skont il-paragrafi 6 u 7;

[…]

(6) Il-qorti tista' wkoll tordna l-iżvelar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, fuq it-talba:

[…]

12. tal-Kap Spettur jew ta' spettur tal-[Ispettorat].

(7) L-imħallef tar-Rayonen sad [il-Qorti Distrettwali] għandu jiddeċiedi *in camera* permezz ta' deċiżjoni motivata fuq it-talba msemmija fil-paragrafu 6, mhux iktar tard minn 24 siegħa minn meta jirċievi t-talba, u jispeċifika l-perijodu li għalih tirreferi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Id-deċiżjoni tal-qorti ma tistax tiġi appellata.

[…]"

4. Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali

12. L-Artikolu 17 taż-Zakon za zashtita na lichnite danni (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali) (DV nº1, 4 ta' Jannar 2002) jistipula:

"(1) L-[Ispettorat] għandu jissorvelja u jikkontrolla l-osservanza tal-[GDPR], ta' din il-liġi u ta' atti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, meta data personali tkun ipproċessata:

1. mill-qorti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha bħala awtorità ġudizzjarja, u

2. mill-prosekuzzjoni u mill-awtoritajiet inkwirenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom bħala awtoritajiet ġudizzjarji għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tas-sejbien jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali.

[…]"

13. L-Artikolu 39(1) ta' din il-liġi, huwa redatt bil-mod segwenti:

"Fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tiegħu taħt il-[GDPR] u taħt din il-liġi, is-suġġett tad-data jista' jikkontesta l-atti u l-azzjonijiet tal-kontrollur u tal-proċessur quddiem qorti skont il-proċedura prevista mill-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. L-Inspektorat kam Visshia sadeben savet (l-Ispettorat fi ħdan il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, il-Bulgarija, iktar 'il quddiem l-"Ispettorat") ressaq, fil-15 ta' Mejju 2023, quddiem is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija) talba għat-tneħħija tas-sigriet bankarju relatat mal-patrimonju ta' diversi membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom.

15. Il-qorti tar-rinviju tqis, fl-ewwel lok, li għandu jiġi vverifikat jekk l-Ispettorat għandux il-kompetenza li jressaq talba quddiemha għat-tneħħija tas-sigriet bankarju. F'dan ir-rigward, hija tispjega li din l-awtorità, li nħolqot permezz ta' emenda tal-Kostituzzjoni Bulgara fl-2007, hija magħmula minn Kap Spettur tal-Ġudikatura u għaxar spetturi eletti mill-Parlament Bulgaru għal perijodu ta' ħames u erba' snin rispettivament. F'dan il-każ, il-mandati tal-Kap Spettur u tal-ispetturi kollha waslu fi tmiemhom fl-2020 u l-Parlament ma eleġġiex membri ġodda.

16. Din il-qorti tindika li, permezz ta' sentenza tas-27 ta' Settembru 2022, il-Konstitutsionen sad (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Bulgarija) iddeċidiet li meta l-mandat tal-membri tal-Ispettorat jiskadi, dawn ma għandhomx iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom sakemm jiġu eletti membri ġodda. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, l-estensjoni tal-mandati ta' dawn il-membri tistax tikkawża preġudizzju għall-indipendenza ta' din l-awtorità, inkwantu hija awtorizzata tibda proċeduri dixxiplinari kontra l-imħallfin. F'każ ta' risposta fl-affermattiv, din il-qorti tixtieq tkun taf il-kriterji li jippermettu li jiġi stabbilit jekk tali estensjoni hijiex ammissibbli.

17. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-rwol u l-obbligi tal-qrati nazzjonali li jawtorizzaw l-aċċess tal-Ispettorat għad-data personali tal-membri tal-ġudikatura.

18. Fuq dan il-punt, din il-qorti tindika li, fl-2019, data personali relatata mal-indirizz ta' diversi membri tal-ġudikatura u mal-identità ta' membri tal-familja tagħhom ġiet ippubblikata fuq is-sit internet tal-Ispettorat. Wara li kkonstatat li din id-data nxterdet b'mod illegali, il-Komisia za zashtita na lichnite danni (il-Kumitat tal-Protezzjoni tad-Data Personali, il-Bulgarija) imponiet multa fuq l-Ispettorat.

19. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, kemm-il darba jitqies li l-GDPR hija applikabbli, hija għandhiex tkun ikklassifikata bħala kontrollur fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament. B'mod iktar speċifiku, din il-qorti tirrileva li, skont l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali fis-seħħ fil-Bulgarija, l-istħarriġ tagħha huwa limitat sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuni, li tagħhom qiegħda tintalab it-tneħħija tas-sigriet bankarju, humiex suġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni prevista mil-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju. Hija tenfasizza li, kemm-il darba il-klassifikazzjoni ta' kontrollur kellha tapplika għall-qorti adita minn tali talba, din tal-aħħar għandha tiżgura s-sigurtà tad-data skont l-Artikoli 32 sa 34 tal-GDPR.

20. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tistaqsi jekk awtorità ġudizzjarja, li tagħti entità statali l-aċċess għal data li taqa' taħt is-sigriet bankarju, tistax tiġi kkunsidrata bħala awtorità ta' kontroll fis-sens tal-Artikolu 51 tal-GDPR.

21. Finalment, skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi stabbilit jekk, qabel ma tawtorizza l-aċċess għad-data, l-awtorità ġudizzjarja għandhiex tiżgura li l-miżuri meħuda mill-Ispettorat sabiex jiġi żgurat ipproċessar tad-data skont il-liġi huma suffiċjenti. Din il-qorti tistaqsi b'mod partikolari

jekk, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħha bħala kontrollur jew awtorità ta' kontroll, hijiex obbligata tagħmel tali stħarriġ *ex officio* sabiex tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva prevista fl-Artikolu 79 tal-GDPR.

22. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE], ikkunsidrat flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-estensjoni tal-funzjonijiet ta' korp, li jista' jimponi sanzjonijiet dixxiplinari fuq il-membri tal-ġudikatura u li għandu s-setgħa jikkonstata data dwar il-patrimonju tagħhom, lil hinn mill-iskadenza tal-mandat stabbilit kostituzzjonalment ta' dan il-korp u mingħajr terminu stabbilit b'mod ċar, tistabbilixxi fiha nnifisha jew taħt ċerti kundizzjonijiet ksur tar-rekwiżit li l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jiggarantixxu rimedji legali effettivi għal stħarriġ ġudizzjarju indipendenti? Jekk tali estensjoni tal-mandat hija ammissibbli, taħt liema kundizzjonijiet?

2. L-Artikolu 2(2)(a) ta[l-GDPR] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività li tinvolvi t-tneħħija tas-sigriet bankarju bil-għan li jiġi vverifikat il-patrimonju tal-membri tal-ġudikatura, li sussegwentement jiġi żvelat lill-pubbliku, tikkostitwixxi attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni? Ir-risposta tkun differenti f'sitwazzjoni fejn din l-attività tinkludi wkoll l-iżvelar ta' data dwar il-membri tal-familja tal-membri tal-ġudikatura, li ma jkollhomx il-kwalità ta' membri tal-ġudikatura?

3. Fil-każ ta' risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli: il-punt 7 tal-Artikolu 4 ta[l-GDPR] għandu jiġi interpretat fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta' kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali u għalhekk jikkostitwixxi 'kontrollur' ta' data personali?

4. Fil-każ ta' risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u fil-każ ta' risposta negattiva għat-tielet domanda: l-Artikolu 51 ta[l-GDPR] għandu jiġi interpretat fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta' kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom, huwa responsabbli sabiex jiżgura l-osservanza ta' dan ir-regolament u għalhekk għandu l-kwalità ta' 'awtorità superviżorja' [awtorità ta' kontroll] fir-rigward ta' din id-data?

5. Fil-każ ta' risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal waħda mit-tielet jew mir-raba' domanda: l-Artikolu 32(1)(b) ta[l-GDPR] u l-Artikolu 57(1)(a) tal-istess regolament, rispettivament, għandhom jiġu interpretati fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta' kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom, huwa obbligat, meta jkollu data dwar ksur preċedenti tas-sigurtà ta' data personali mwettaq mill-korp li lilu jkun ser jagħti aċċess, jitlob informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tad-data u jevalwa l-adegwatezza ta' dawn il-miżuri huwa u jieħu deċiżjoni jekk jagħtix tali aċċess?

6. Fil-każ ta' risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u irrispettivament mir-risposti għat-tielet u għar-raba' domanda: l-Artikolu 79(1) ta[l-GDPR], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn id-dritt nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jipprevedi li kategoriji speċifiċi ta' data għandhom jiġu żvelati biss wara awtorizzazzjoni ġudizzjarja, il-qorti li tagħti din l-awtorizzazzjoni hija obbligata tiżgura *ex officio* l-protezzjoni tas-suġġetti tad-data li d-data tagħhom tkun ser tiġi żvelata, billi tobbliga lill-korp pubbliku li jitlob aċċess għad-data u li jkun magħruf li wettaq ksur tas-sigurtà tad-data personali jippreżenta informazzjoni dwar il-miżuri meħuda taħt l-Artikolu 33(3)(d) ta[l-GDPR] u dwar l-implimentazzjoni effettiva tagħhom?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Ġew ippreżentati sottomissjonijiet bil-miktub mill-Ispettorat, mill-Gvern Bulgaru, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea.

V. Analiżi

24. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet jiffokaw fuq l-ewwel, it-tielet u s-sitt domanda preliminari.

A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

25. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li tawtorizza t-tkomplija tal-attività tal-membri tal-Ispettorat, b'kompetenzi fil-qasam tal-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tal-imħallfin u tal-prosekuturi, lil hinn mit-terminu legali tal-mandat tagħhom. Fil-qafas tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-Gvern Bulgaru, il-Gvern Pollakk u l-Ispettorat ikkonkludew li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' din id-domanda u liema domanda kienet ukoll inammissibbli. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja stess li għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tiġi adita mill-qorti nazzjonali, sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess jew l-ammissibbiltà tat-talba mressqa quddiemha [3].

1. Fuq il-ġurisdizzjoni

26. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal domanda preliminari meta jkun manifest li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tagħha tkun qiegħda tintalab l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' tiġi applikata [4]. Meta sitwazzjoni ġuridika ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni,

[3] Sentenza tat-22 ta' Marzu 2022, Prokurator Generalny (Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-508/19, EU:C:2022:201, punt 59).

[4] Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Viva Telecom Bulgaria (C-257/20, EU:C:2022:125, punt 123).

il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha, u kwalunkwe dispożizzjoni tal-Karta li tista' tiġi invokata ma tistax, waħedha, tkun il-bażi legali ta' din il-ġurisdizzjoni [5].

27. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji neċessarji sabiex jiżguraw lill-partijiet f'kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu sistema ta' rimedji u ta' proċeduri li jiżguraw stħarriġ ġudizzjarju effettiv fl-imsemmija oqsma. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-imsemmija dispożizzjoni tkopri l-"oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni", indipendentement mis-sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jimplimentaw dan id-dritt, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta [6].

28. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa intiż, b'mod partikolari, li japplika fir-rigward ta' kull qorti nazzjonali li tista' tiddeċiedi, bħala qorti, dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li għalhekk jaqgħu taħt l-oqsma koperti minn dan id-dritt. Issa, dan jidher li huwa l-każ tal-qorti tar-rinviju, li tista', fil-fatt, fil-kwalità tagħha ta' qorti ordinarja Bulgara, tiddeċiedi fuq kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u bħala "qorti" fis-sens iddefinit minn dan id-dritt, taqa' taħt is-sistema Bulgara ta' rimedji fl-"oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE b'tali mod li din il-qorti għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li għalkemm, kif jirrileva l-Gvern Pollakk, l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' fil-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, xorta jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri huma meħtieġa josservaw l-obbligi li jirriżultaw, fil-konfront tagħhom, mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [7].

29. Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju ġiet adita minn membri tal-Ispettorat, li l-mandat tagħhom kien ilu li skada diversi snin, b'talba intiża sabiex tiġi awtorizzata t-tneħħija tas-sigriet bankarju fir-rigward ta' data relatata ma' kontijiet bankarji ta' diversi membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom. Din il-qorti tqis li, fid-dawl tal-funzjonijiet u tar-responsabbiltajiet ta' dan il-korp fil-qasam dixxiplinarju, tali sitwazzjoni, li r-regolarità tagħha ġiet ikkonfermata mill-Konstitutsionen sad (il-Qorti Kostituzzjonali), tista' tqajjem mistoqsijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja tal-Istati Membri impost mid-dritt tal-Unjoni, u dan jiġġustifika għalhekk id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Issa, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa intiż sabiex japplika fil-kuntest ta' proċedura li tqajjem il-kwistjoni tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni jew ta' prassi nazzjonali li tista' taffettwa l-indipendenza tal-imħallfin. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, kull Stat Membru, bis-saħħa tal-artikolu hawn fuq imsemmi,

5 Digriet tat-18 ta' April 2023, Vantage Logistics (C-200/22, EU:C:2023:337, punt 27).

6 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 32 u 33).

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 34 sa 36). Nirrileva li f'diversi sentenzi reċenti dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti risposta għal domanda li tirrigwarda t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE (sentenzi tad-9 ta' Jannar 2024, G. *et* (Ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji fil-Polonja) (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1, punt 57), tal-11 ta' April 2024, Sapira *et* (C-114/23, C-115/23, C-132/23 u C-160/23, EU:C:2024:290, punt 26) u tat-18 ta' April 2024, OT *et* (Tneħħija ta' qorti) (C-634/22, EU:C:2024:340, punt 24), ġie konkluż fl-affermattiv abbażi biss ta' din l-aħħar kunsiderazzjoni relatata mal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, mingħajr ma sar riferiment għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u għall-kundizzjoni li l-qorti nazzjonali kkonċernata bil-kawża setgħet tiddeċiedi, bħala qorti, fuq domandi li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li jaqgħu għalhekk fl-oqsma koperti minn dan id-dritt (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 51)].

għandu jiżgura li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin tal-qrati nazzjonali li jaqgħu taħt is-sistemi tagħhom ta' rimedji fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni tosserva l-prinċipju ta' indipendenza tal-imħallfin, billi tipprevedi, b'mod partikolari, l-intervent ta' korpi li jissodisfaw huma stess il-garanziji inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva [8].

30. Nirrileva li l-Ispettorat isostni li, kuntrarjament għal dak li tindika l-qorti tar-rinviju, id-data relatata mal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati, li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali, ma hijiex użata fil-qafas tas-setgħat ta' rapportar tiegħu għall-finijiet tar-responsabbiltà dixxiplinari ta' dawn tal-aħħar u li huwa ma għandux is-setgħa li jimponi sanzjoni dixxiplinari u lanqas li jibda proċedura tal-istess natura, u din l-aħħar osservazzjoni ssir ukoll mill-Gvern Bulgaru u mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-qafas tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih jidħlu d-domandi preliminari hekk kif iddefinit mid-deċiżjonijiet tar-rinviju. Għalhekk, l-eżami ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jistax isir fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali invokat mill-Gvern ta' Stat Membru [9].

31. Madankollu huwa stabbilit li d-deċiżjonijiet tar-rinviju jippreżentaw kontradizzjoni intrinsika f'dak li jirrigwarda, u biss fuq dan il-punt, il-portata tar-responsabbiltajiet tal-Ispettorat fil-qasam tal-proċeduri dixxiplinari indirizzati kontra membri tal-ġudikatura. B'hekk, minkejja li s-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija) issemmi, fl-ewwel domanda preliminari, is-setgħa tal-Ispettorat li jimponi sanzjonijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin, hija tiċċita wkoll il-punti 5 u 6 tal-Artikolu 54(1) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju, li permezz tiegħu l-Ispettorat "iwissi", fil-każ ta' ksur, lill-kulleġġ kompetenti tal-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (iktar 'il quddiem il-"KSĠ") u "jipproponi" tali sanzjonijiet, u ssemmi s-"setgħa [tiegħu] ta' rapportar fi kwistjonijiet dixxiplinari" [10], kompetenza li effettivament ġiet deskritta minn dan il-korp u mill-Gvern Bulgaru fis-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom. Għalhekk jista' jingħad b'ċertezza li l-Ispettorat għandu kompetenza fil-każ ta' proċeduri dixxiplinari ta' membri tal-ġudikatura Bulgari, jiġifieri u tal-inqas, dik li jipproponi l-ftuħ ta' proċedura dixxiplinari fir-rigward ta' fatti kkonstatati f'kontrolli mwettqa minnu, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, barra minn hekk, iżżomm mal-kontenut tad-deċiżjonijiet tar-rinviju li jirrigwardaw il-konsegwenzi dixxiplinari possibbli [11] tal-verifika tad-data bankarja miksuba wara l-kisba tat-tneħħija tas-sigriet bankarju [12].

[8] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C–896/19, EU:C:2021:311, punt 39) u tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punti 80 u 164).

[9] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 2020, Nelson Antunes da Cunha (C-627/18, EU:C:2020:321, punt 38) u tat-8 ta' Mejju 2024, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" (Assoċjazzjonijiet ta' membri tal-ġudikatura) (C-53/23, EU:C:2024:388, punt 31).

[10] Ara l-punti 20 u 48 tad-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-332/23.

[11] Fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-dritt fil-Bulgarija datat 5 ta' Lulju 2023, jingħad li, mit-tnax-il kontroll ta' integrità mwettqa mill-Ispettorat fl-2022, tlieta wasslu għal "proċedura dixxiplinari".

[12] Fi kwalunkwe każ u skont l-indikazzjonijiet stess tal-Ispettorat, il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-imħallfin taqa' taħt il-politika tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, peress li l-għan tal-ġbir tad-data bankarja huwa li jkun hemm stħarriġ ta' konformità bejn l-assi ddikjarati mill-membri tal-ġudikatura u l-informazzjoni rreġistrata, iddikjarata u ċċertifikata fir-reġistri pubbliċi. Skont l-Artikolu 3 tal-Zakon za protivodeystvie na koruptsiata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushestvo (il-Liġi dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u dwar il-Konfiska tal-Assi Miksuba Illegalment) (DV Nru 7 tad-19 ta' Jannar 2018, kif emendata l-aħħar, DV Nru 104 tat-30 ta' Diċembru 2022), din il-ġlieda ssir, b'mod partikolari, permezz tad-dikjarazzjoni ta' assi u interessi, l-istħarriġ ta' din tal-aħħar, il-konstatazzjoni ta' kunflitt ta' interess u l-impożizzjoni ta' "sanzjonijiet" kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' isem il-persuni li ma jkunu ppreżentaw ebda dikjarazzjoni jew li d-dikjarazzjonijiet tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati li ma humiex konformi, kif ukoll ismijiet il-persuni li fil-konfront tagħhom ikun ġie identifikat kunflitt ta' interess. Anki jekk wieħed jassumi li n-nuqqasijiet li jistgħu jiġu kkonstatati relatati mad-dikjarazzjoni ta' interessi ma jkunux ta' natura li jikkaratterizzaw nuqqasijiet dixxiplinari fir-rigward tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati, kif jallega l-Ispettorat, l-implimentazzjoni ta' tali regoli jista' jkollha konsegwenzi kbar kemm għall-iżvolġiment tal-karriera tal-imħallfin kif ukoll għall-ħajja tagħhom u li jiġġustifikaw għalhekk l-applikazzjoni, *mutatis mutandis*, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li minnu jirriżulta r-rekwiżit ta' indipendenza tal-imħallfin (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punti 95 sa 97).

32. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi enfasizzat li r-rikonoxximent tad-dritt għal rimedju effettiv, f'każ partikolari, jippreżumi li l-persuna li tinvokah ikollha drittijiet u libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jew li din il-persuna tkun is-suġġett ta' proċeduri li jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Huwa stabbilit li l-proċedura fil-kawża prinċipali, minn naħa, ma hijiex ta' natura kontradittorja, fis-sens li s-suġġetti tad-data li d-data tagħhom hija s-suġġett tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' aċċess ma humiex jipparteċipaw fiha u ma jistgħux għalhekk jinvokaw ksur ta' kwalunkwe dritt u, min-naħa l-oħra, ma tikkorrispondix għall-eżerċizzju ta' proċeduri mibdija kontra dawn il-persuni li jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex, bħala tali, applikabbli għall-kawża prinċipali. Minkejja dan, peress li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jimponi li l-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu r-rimedji neċessarji sabiex jiżguraw, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens b'mod partikolari tal-Artikolu 47 tal-Karta, din l-aħħar dispożizzjoni għandha tittieħed debitament inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu [13].

2. Fuq l-ammissibbiltà

33. Għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Ispettorat, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dawk previsti fil-punt (c) ta' dan l-artikolu, huma osservati f'dan il-każ. Fil-fatt, id-deċiżjonijiet tar-rinviju fihom biżżejjed informazzjoni sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tifhem ir-raġunijiet għaliex il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta għall-finijiet tal-kawża prinċipali. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali ta' livell kostituzzjonali, kif interpretata mill-Konstitutsionen sad (il-Qorti Kostituzzjonali), li permezz tagħha l-membri tal-Ispettorat jinżammu fil-kariga tagħhom lil hinn mit-terminu legali tal-mandat tagħhom. Il-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex, b'dan il-mod, li tingħata kjarifika dwar problema ta' natura proċedurali qabel ma tiġi deċiża minnha *in limine litis*, peress li tirrigwarda r-regolarità tal-mod li bih ġiet adita minn awtorità li taġixxi barra mill-qafas legali li jiddefinixxi l-operat tagħha u għalhekk il-ġurisdizzjoni stess tal-imsemmija qorti li tieħu konjizzjoni tat-talba mressqa minn din l-awtorità. Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, domandi preliminari intiżi, b'dan il-mod, sabiex jippermettu lil qorti tar-rinviju tiddeċiedi, *in limine litis*, kwistjonijiet ta' natura proċedurali bħal dawk relatati mal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża pendenti quddiemha jew, ukoll, mal-effetti legali li għandhom jiġu rrikonoxxuti jew le lil deċiżjoni ġudizzjarja li potenzjalment tostakola t-tkomplija tal-eżami ta' tali kawża mill-imsemmija qorti, huma ammissibbli skont l-Artikolu 267 TFUE [14].

34. Xorta jibqa' l-fatt li l-ħtieġa, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, tal-interpretazzjoni preliminari mitluba mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja timplika li l-qorti tar-rinviju tista' tislet il-konsegwenzi ta' din l-interpretazzjoni billi tevalwa, fid-dawl tagħha, ir-regolarità tal-att li bih tkun ġiet adita u li tkun qiegħda tintalab l-interpretazzjoni tiegħu u billi, jekk ikun il-każ, tiddikjarah irregolari. F'dan il-każ, minkejja li mid-deċiżjonijiet tar-rinviju ma jirriżultax li, bis-saħħa tar-regoli tad-dritt nazzjonali, din il-qorti tista' tipproċedi b'dan il-mod, il-kontenut tas-sottomissjonijiet

[13] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tas-sentenzi ta' qorti Kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99, punti 34 sa 37).

[14] Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, YP *et* (Tneħħija tal-immunità u sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef) (C-615/20 u C-671/20, EU:C:2023:562, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-Gvern Bulgaru jagħti wieħed x'jifhem li dan jista' jkun il-każ. Fil-fatt, fihom hemm spjegat li, fil-qafas tal-istħarriġ li hija għandha twettaq skont il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni għandha tivverifika li t-talba għat-tneħħija tas-sigriet bankarju tkun ġejja minn awtorità pubblika jew korp pubbliku awtorizzat għal dan il-għan u għalhekk jekk, fil-kawża prinċipali, it-talba hijiex ġejja mill-Kap Spettur jew mill-ispetturi tal-Ispettorat. Tali spjegazzjoni fuq in-natura tar-responsabbiltajiet tal-qorti li jkollha ġurisdizzjoni hija tali li tikkonferma li din tal-aħħar tista' tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe risposta li tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda preliminari tagħha u li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mitluba f'din tal-aħħar tissodisfa ħtieġa oġġettiva marbuta ma' deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju tista' tieħu fil-kawża prinċipali [15].

3. Fuq il-mertu

a) Osservazzjonijiet preliminari

35. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati, li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jimponi li r-regoli li jirregolaw is-sistema dixxiplinari tal-imħallfin ikollhom il-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tali sistema tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, il-promulgazzjoni ta' regoli li jiddefinixxu, b'mod partikolari, kemm l-aġir li jikkostitwixxi ksur dixxiplinari kif ukoll is-sanzjonijiet applikabbli konkretament, li jipprevedu l-intervent ta' korp indipendenti konformement ma' proċedura li tiżgura b'mod sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, u li jistabbilixxu l-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-korpi dixxiplinari jiġu kkontestati quddiem qorti, tikkostitwixxi ġabra ta' garanziji essenzjali għall-finijiet tal-ħarsien tal-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja. Barra minn hekk, peress li l-prospettiva ta' ftuħ ta' investigazzjoni dixxiplinari tista', bħala tali, teżerċita pressjoni fuq dawk li għandhom il-kompitu li jiddeċiedu, huwa essenzjali li korp kompetenti sabiex imexxi l-investigazzjonijiet u li jeżerċita l-azzjoni dixxiplinari, inkluż li jipproponi l-ftuħ ta' proċedura ta' din in-natura, jaġixxi waqt l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu b'mod oġġettiv u imparzjali u li jkun, għal dan il-għan, protett minn kull influwenza esterna [16].

36. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità mal-prinċipju ta' indipendenza tal-imħallfin stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, tar-regoli u ta' prassi nazzjonali li jawtorizza t-tkomplija tal-attività tal-membri tal-Ispettorat lil hinn mit-terminu legali tal-mandat tagħhom previst mill-Kostituzzjoni Bulgara u dan fid-dawl tal-estensjoni tal-funzjonijiet u tal-kompetenzi ta' dan il-korp. Kif jirriżulta mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari, din il-qorti tistaqsi dwar ir-riskju, f'tali sitwazzjoni, ta' influwenza esterna fuq l-attivitajiet tal-Ispettorat jew ta' pressjoni żejda eżerċitata minnu fuq il-ġudikatura.

37. Bħall-estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-età normali tal-irtirar [17], jidhirli li huma l-Istati Membri biss li għandhom jiddeċiedu jekk jawtorizzawx jew le estensjoni tal-mandati li jkunu skadew tal-membri ta' korp kostituzzjonali inkarigat sabiex jistħarreġ l-attività tal-ġudikatura, jevalwa l-integrità tal-membri tal-ġudikatura u kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkollhom u, jekk ikun il-każ, jipproponi lill-KSĠ li jinfetħu proċeduri dixxiplinari kontra dawn tal-aħħar. Madankollu, fl-għażla tal-mudell kostituzzjonali rispettiv tagħhom,

[15] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2024, G. *et* (Ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji fil-Polonja) (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1, punti 69 sa 72).

[16] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punti 48 u 49).

[17] Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 110).

l-Istati Membri huma obbligati jikkonformaw ruħhom, b'mod partikolari, mar-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati li jirriżulta mill-Artikolu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Huma għalhekk obbligati li jiżguraw li tiġi evitata kull rigress, fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi joqogħdu lura milli jadottaw regoli li jippreġudikaw l-indipendenza tal-imħallfin [18].

38. Nikkunsidra, f'dan ir-rigward, li estensjoni tat-terminu tal-mandati tal-membri ta' korp ta' spezzjoni tal-ġudikatura minħabba raġuni ta' interess ġenerali bbażata fuq il-kontinwità istituzzjonali meħtieġa ma hijiex, bħala tali, suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li hemm preġudizzju għall-prinċipju ta' indipendenza hawn fuq imsemmi [19], speċjalment peress li l-membri tal-persunal ta' tali korp ma humiex mitluba sabiex jiddeċiedu tilwimiet bħala mħallfin, iżda sabiex imexxu investigazzjonijiet u jibdew proċeduri dixxiplinari, b'tali mod li ma għandhomx neċessarjament jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' indipendenza u ta' imparzjalità applikabbli għall-imħallfin [20].

39. Jibqa' l-fatt li l-estensjoni tal-mandati tal-membri tal-Ispettorat li jkunu skadew, wara impass fil-proċess elettorali tal-ħatra tas-suċċessuri tagħhom, seħħet f'kuntest legali partikolari. Minbarra l-assenza ta' kwalunkwe bażi legali (kemm fir-rigward tal-prinċipju ta' estensjoni u kemm fir-rigward tat-tul tagħha [21]), għandu jiġi enfasizzat l-fatt li l-Kap Spettur u l-ispetturi jistgħu jiġu eletti mill-ġdid, "iżda mhux għal żewġ mandati konsekuttivi", u li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, "huma suġġetti biss għal-liġi". Għalhekk jidher li seħħet estensjoni tal-mandati ta' membri ta' korp kostituzzjonali li r-regolarità tagħha, ibbażata fuq elezzjoni inizjali għal mandati għal żmien determinat, ma għadhiex ibbażata fuq qafas legali u fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' legalità, u dan meta la hija prevista kontinwità sat-tmiem tas-sitwazzjoni ta' impass u lanqas ma huwa previst tiġdid immedjat ta' dawn il-mandati. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-leġittimità tal-Ispettorat hekk imqajma, li tirreferi għall-fiduċja tal-korpi soċjali fl-attività tal-korp inkwistjoni u l-aċċettazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, għandha importanza partikolari fid-dawl tal-mod ta' kif jiġi adit l-Ispettorat, peress li dan tal-aħħar jista' jaġixxi *ex officio* u wkoll "fuq l-inizjattiva taċ-ċittadini" jew ta' awtoritajiet pubbliċi "inkluż l-imħallfin" [22]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-estensjoni *de facto* u *sine die* tal-mandati tal-membri tal-Ispettorat tista', fl-opinjoni tiegħi, toħloq dubji leġittimi dwar l-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet ta' dan il-korp bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew ta' kontroll politiku ta' din l-attività [23].

40. Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar dan is-suġġett wara li tkun wettqet l-evalwazzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan. Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-Artikolu 267 TFUE ma jawtorizzax lill-Qorti tal-Ġustizzja tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni għal każ partikolari, iżda jawtorizzaha biss tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati u tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja previst fl-Artikolu 267 TFUE u

[18] Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 74).

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 203). Għandu jiġi enfasizzat li l-kawżi prinċipali huma differenti minn dik li wasslet għal din is-sentenza li kienet tirrigwarda s-sempliċi sostituzzjoni individwali espressament prevista mil-leġiżlazzjoni applikabbli, inkluż fir-*ratione temporis* tagħha, mingħajr ma saret ebda indikazzjoni jew mistoqsija mill-qorti tar-rinviju dwar it-tul tal-estensjoni tal-mandat inkwistjoni fir-rigward tar-rekwiżit ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-imħallfin u tal-prosekuturi.

[20] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punt 55).

[21] Bħala eżempju, infakkar li skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, "[ħ]lief fejn ikun jgħodd l-Artikolu 6, Imħallef ikompli fil-kariga sakemm is-suċċessur tiegħu jassumi d-doveri tiegħu".

[22] Artikolu 132a tal-Kostituzzjoni Bulgara.

[23] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 78) u tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punt 57).

abbażi tal-informazzjoni fl-atti tal-proċess, tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għaliha fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' dispożizzjoni jew oħra tiegħu. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa r-riskji marbuta ma' estensjoni tal-mandati ta' membri tal-Ispettorat fid-dawl tar-rekwiżit ta' indipendenza tal-imħallfin u tal-prosekuturi billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fiha nnifisha u fil-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali tagħha [24].

41. Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali [25] u sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-impatt tat-tkomplija tal-attivitajiet tal-Ispettorat, lil hinn mit-tmiem tal-mandati tal-membri tiegħu, fid-dawl tar-rekwiżit ta' indipendenza tal-imħallfin, għandu jiġi vverifikat jekk ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' dan il-korp humiex maħsuba b'tali mod li ma jippermettu l-ebda dubju leġittimu, fl-imħuħ tal-partijiet f'kawża, dwar l-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet ta' dan il-korp bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew ta' kontroll politiku ta' din l-attività. Fil-fatt, dawn ir-regoli jistgħu, b'mod ġenerali, jaffettwaw direttament il-prassi tal-imsemmi korp u b'hekk jipprevjenu jew, għall-kuntrarju, jiffavorixxu l-eżerċizzju ta' azzjonijiet dixxiplinari li għandhom bħala għan jew effett li jeżerċitaw pressjoni fuq dawk li għandhom id-dover li jiddeċiedu jew li jiżguraw kontroll politiku fuq l-attività tagħhom [26].

b) Fuq il-mod ta' ħatra u l-kompetenzi tal-membri tal-Ispettorat

42. Huwa stabbilit, fl-ewwel lok, li l-kundizzjonijiet ta' ħatra tal-membri tal-Ispettorat jirriflettu rabta diretta mal-poter leġiżlattiv, peress li dawn tal-aħħar jiġu eletti mill-membri parlamentari b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Dan ir-rekwiżit ta' maġġoranza kkwalifikata għandu l-għan li jnaqqas ir-riskju li l-ħatriet jiġu ppolitiċizzati u għalhekk li jiġi ppolitiċizzat l-Ispettorat, fis-sens li tali maġġoranza teħtieġ, bħala regola, li jingħelbu l-interessi partiġġjani u għalhekk ikun hemm għażla kunsenswali ta' personalitajiet irrikonoxxuti professjonalment. Approċċ iktar pragmatiku jwassal għall-konklużjoni li l-effikaċja ta' dan il-mekkaniżmu, intiż sabiex jiżgura n-newtralità politika ta' dawk li għandhom karigi pubbliċi, hija relattiva, għaliex tiddependi mill-kuntest politiku ta' kull pajjiż.

43. F'dan ir-rigward, mill-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-proċess ta' ħatra tal-ispetturi, flimkien mal-prerogattivi tagħhom fir-rigward tal-poter ġudizzjarju, iħasseb kemm lill-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (magħrufa bħala l-"Kummissjoni ta' Venezja") u kemm lill-Kummissjoni [27]. L-ewwel waħda hawn imsemmija tindika b'hekk li l-maġġoranza ta' żewġ terzi, fil-kuntest Bulgaru, tinkiseb spiss permezz ta' tqassim ta' "kwoti" fil-qafas ta' negozjati politiċi sigrieti, u dan ifisser li, fl-aħħar mill-aħħar, kull spettur jista' jkollu ċerti obbligi politiċi fil-konfront ta' parti waħda jew l-oħra [28]. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni indikat id-diffikultajiet marbuta mal-proċedura tal-għażla tal-kandidati, filwaqt li enfasizzat, fir-rapport tagħha dwar l-Istat tad-dritt fil-Bulgarija għas-sena 2020, il-fatt li l-Ispettorat stess ressaq proposta ta' emenda tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju li tirrikjedi li l-Kap Spettur u l-ispetturi jiġu proposti minn korpi oħra, bħall-plenarji tal-Varhoven kasatsionen sad

[24] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punti 58 u 59).

[25] Għandu jiġi enfasizzat li kemm il-Gvern Bulgaru kif ukoll l-Ispettorat indikaw b'mod ċar li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali baqgħet l-istess wara l-iskadenzi tal-mandati tal-membri ta' dan tal-aħħar.

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punti 50 u 51).

[27] Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tirreferi diversi drabi għar-rapporti annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt fil-Bulgarija kif ukoll għal diversi opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja.

[28] Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punt 58). Din tal-aħħar tispjega wkoll li l-mekkaniżmu ta' maġġoranza kkwalifikata ma huwiex effiċjenti meta l-partit tal-Gvern ikollu diġà n-numru neċessarju ta' voti sabiex jikseb, waħdu, din il-maġġoranza.

(il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija) u tal-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija) jew l-Assemblei Ġenerali tal-Membri tal-Ġudikatura u ta' organizzazzjonijiet professjonali, minflok mill-membri tal-Parlament [29]. Fir-rapport tagħha għas-sena 2023, il-Kummissjoni rrilevat li ma sar ebda progress dwar l-adozzjoni ta' riformi leġiżlattivi intiżi sabiex itejbu l-funzjonament tal-Ispettorat u sabiex jevitaw ir-riskju ta' influwenza politika, b'mod partikolari billi jinvolvu l-korpi ġudizzjarji fl-għażla tal-membri tiegħu.

44. Fit-tieni lok, mill-Artikolu 132a(6) tal-Kostituzzjoni Bulgara jirriżulta li l-funzjoni tal-Ispettorat, li jaġixxi fuq rapporti iżda wkoll *ex officio*, hija oġġettivament estiża ħafna [30]. F'kuntest ikkaratterizzat mill-eżistenza ta' diversi mekkaniżmi ta' stħarriġ tal-imħallfin Bulgari, il-Kummissjoni ta' Venezja tindika li l-prerogattivi tal-Ispettorat huma ddefiniti b'mod ġenerali u impreċiż u spiss jikkoinċidu ma' dawk tal-KSĠ, bir-riskju li l-ewwel korp jużurpa l-poter effettiv tat-tieni korp u li l-poter effettiv jgħaddi minn idejn tat-tieni għand tal-ewwel. Hija tenfasizza li, minbarra l-poteri ta' investigazzjoni tiegħu, l-Ispettorat jista' bħal jiffiltra każijiet dixxiplinari billi jikklassifika r-"rapporti" mibgħuta lilu b'rabta ma' allegat aġir illegali ta' membru tal-ġudikatura bħala li ma għandhom bżonn ebda azzjoni ulterjuri [31].

c) Fuq ir-riskju ta' influwenza esterna

45. Għandhom jiġu kkunsidrati kwalunkwe garanziji li jistgħu jiġu previsti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex jiżguraw il-kapaċità li l-membri tal-Ispettorat ma jkunux influwenzati, fid-dawl ta' elementi esterni, b'mod partikolari ta' influwenzi diretti jew indiretti tal-poter leġiżlattiv u eżekuttiv li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. Kif ġie espost, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, il-Kap Spettur u l-ispetturi huma "indipendenti u huma suġġetti biss għal-liġi" skont l-Artikolu 132a tal-Kostituzzjoni Bulgara. Jista' jiġi osservat ukoll li l-Ispettorat għandu jeżamina l-abbozz tal-baġit tal-ġudikatura, fir-rigward tal-parti li tikkonċernah, u jissottomettih lill-KSĠ [32]. Il-Gvern Bulgaru u l-Ispettorat jaqblu u jenfasizzaw li ma hemm l-ebda mekkaniżmu ġuridiku li jippermetti li xi awtorità statali, u b'mod partikolari l-poter leġiżlattiv li minnu joriġinaw in-nomini, tinfluwenza l-attivitajiet tal-Ispettorat u, b'mod iktar speċifiku, dawk intiżi għall-istħarriġ tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-imħallfin. Skont l-Artikolu 57 tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju, il-kontrolli, previsti fil-qafas ta' programm annwali, isiru minn timijiet maħtura bix-xorti u, f'dak li jirrigwarda lil dawk il-kontrolli li jsiru wara rapport, l-ispettur u l-esperti li jassistuh jinħatru bix-xorti wkoll. Mingħajr preġudizzju għall-verifika tal-qorti tar-rinviju, jidher li l-Ispettorat igawdi, fi ħdan l-organizzazzjoni kostituzzjonali Bulgara, ċertu grad ta' awtonomija organizzattiva, funzjonali u finanzjarja ta' natura li tipprevjeni l-influwenzi politiċi diretti jew indiretti fuq il-membri tagħha.

[29] Fl-Opinjoni tagħha (CDL-AD (2017) 018, punt 59), il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li l-Awli tal-KSĠ jingħataw is-setgħa li jipproponu ċertu numru ta' kandidati għall-ħatra tal-Parlament sabiex tiżdied in-newtralità politika tal-ispetturi.

[30] Kif tindika fil-qosor il-Kummissjoni ta' Venezja, fl-Opinjoni tagħha (CDL-AD (2017) 018, punt 55), dan il-korp għandu kompetenza sabiex jeżamina prattikament l-aspetti kollha tal-qrati, tal-prosekuturi, tal-imħallfin u tal-prokuraturi, jiġifieri, l-organizzazzjoni interna u l-modalitajiet ta' xogħol, il-koerenza tal-ġurisprudenza, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-membri tal-ġudikatura, l-assi tagħhom, l-aġir tagħhom fil-ħajja privata.

[31] Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punti 54, 61 sa 66). Fiha hemm spjegat li l-evalwazzjonijiet mill-KSĠ u l-istħarriġ tal-Ispettorat prattikament jirrigwardaw l-istess elementi u ma humiex parti minn proċedura sekwenzjali unika. Hemm koinċidenza bejn l-ispezzjonijiet, l-evalwazzjonijiet u l-proċeduri dixxiplinari, sitwazzjoni li tiġġustifika emenda leġiżlattiva sabiex is-setgħat tal-Ispettorat ma jużurpawx il-mandat kostituzzjonali tal-KSĠ.

[32] Artikolu 54 tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju.

46. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, skont l-indikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet tar-rinviju, il-membri tal-Ispettorat jistgħu jitneħħew [33]. Fl-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punti 58 sa 60), jissemma li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li l-ispetturi, bħall-imħallfin, jistgħu jitneħħew qabel it-tmiem tal-mandat tagħhom minħabba "nuqqas serju jew nuqqas sistematiku mill-obbligi uffiċjali, kif ukoll azzjonijiet li huma ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-ġudikatura" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-proposta ta' tneħħija tista' ssir minn wieħed minn kull ħamsa tad-deputati tal-Assemblea Nazzjonali Bulgara jew mill-Assemblea Plenarja tal-KSĠ. Minkejja li din il-leġiżlazzjoni tista' tinftiehem fis-sens li tagħti d-deċiżjoni finali lill-Assemblea Nazzjonali Bulgara, il-Kummissjoni ta' Venezja tqis li tali deċiżjoni għandha taqa' fil-prerogattivi ta' dan il-Kunsill [34].

d) Fuq ir-riskju ta' abbuż ta' poter

47. Hemm lok li jiġu kkunsidrati kwalunkwe garanziji li jistgħu jiġu previsti mill-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex tiġi evitata l-okkorrenza jew il-persistenza ta' abbuż ta' poter minn membri tal-Ispettorat [35]. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni preliminari ta' ċerta awtonomija istituzzjonali tal-Ispettorat, hija kemm hija pożittiva fir-rigward ta' garanziji kontra influwenzi diretti jew indiretti, tagħmel neċessarja l-eżistenza ta' qafas ta' attivitajiet ta' dan il-korp fid-dawl tan-natura tiegħu, tal-portata tal-funzjonijiet tiegħu u tal-prerogattivi tiegħu.

48. Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Ispettorat huwa suġġett għal obbligu ta' trasparenza [36] u li, fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-attività tal-istħarriġ tal-patrimonju tal-imħallfin, jidher, mingħajr preġudizzju għal verifika tal-qorti tar-rinviju, li diversi dispożizzjonijiet jirregolaw l-eżerċizzju tagħha. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tobbliga lill-Ispettorat jippubblika, fuq is-sit internet tiegħu, id-dikjarazzjoni tal-membri tal-ġudikatura kollha kif ukoll lista ta' persuni li ma jkunux ippreżentaw id-dikjarazzjoni tagħhom fit-terminu mogħti, liema lista għandha titneħħa mis-sit fi tmiem is-sena kalendarja relatata [37]. F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ tal-integrità u l-eżistenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkun hemm, il-proċedura ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-imħallfin għandha ssir f'terminu ta' sitt xhur. Jekk l-Ispettorat effettivament għandu l-poter li jitlob, lill-qorti li jkollha ġurisdizzjoni, it-tneħħija tas-sigriet bankarju sabiex jikseb informazzjoni dwar il-beni u l-movimenti f'kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura, huwa

[33] Artikolu 132a(10) tal-Kostituzzjoni Bulgara.

[34] Fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status tal-giudici di pace Taljani) (C-658/18, EU:C:2020:572, punti 48 u 49), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' inamovibbiltà, li l-importanza kardinali tiegħu għandha tiġi enfasizzata, jeżiġi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu ta' żmien determinat. Filwaqt li ma huwiex ta' natura totalment assoluta, l-imsemmi prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet biss bil-kundizzjoni li jkun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifikaw dan, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija kkunsidrat ukoll li l-garanzija ta' inamovibbiltà titlob li l-każijiet ta' tkeċċija tal-membri ta' qorti jiġu ddeterminati permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika, permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi espliċiti li joffru garanziji li jmorru lil hinn minn dawk previsti mir-regoli ġenerali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali li japplikaw fil-każ ta' tkeċċija abbużiva. Mingħajr ma huwa possibbli li jsir riferiment għall-prinċipju ta' inamovibbiltà, dan ir-raġunament jista' madankollu japplika fir-rigward ta' membri ta' korp kostituzzjonali li l-attività tiegħu hija marbuta mal-eżerċizzju u mal-integrità tal-poter ġudizzjarju.

[35] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punt 60).

[36] Dan il-korp għandu jippreżenta kull sena rapport ta' attività li huwa jippreżenta lill-Assemblea Plenarja tal-KSĠ u jagħti informazzjoni pubblika fuq l-attivitajiet tiegħu, billi jippubblika b'mod partikolari, ir-rapport ta' attività annwali tiegħu fuq is-sit internet tiegħu (l-Artikolu 132a(8) u (9) tal-Kostituzzjoni Bulgara u l-Artikolu 54(12) u (14) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju).

[37] Artikolu 175c tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju.

fil-każ fejn dawn tal-aħħar ikunu rrifjutaw li jagħtu aċċess għal din id-data u hija għal darb'oħra l-liġi li espliċitament tistipula li l-verifika għandha ssir permezz ta' paragun tal-fatti ddikjarati mal-informazzjoni miksuba [38].

49. Xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni ta' Venezja, minn naħa, fissret id-diżappunt tagħha dwar in-nuqqas ta' preċiżjoni tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-twettiq tal-kontrolli u l-prerogattivi tal-Ispettorat li jwassal, kif ġie osservat, għal koinċidenza tal-kompetenzi mal-KSĠ u, min-naħa l-oħra, irrakkomandat li l-poteri ta' investigazzjoni tal-ispetturi ma għandhomx ikunu mingħajr limiti iżda għandhom ikunu suġġetti għall-istħarriġ ta' awtorità indipendenti, pereżempju, il-KSĠ [39]. Hija speċifikament enfasizzat ir-rwol importanti tal-Kap Spettur li jieħu deċiżjoni li tistabbilixxi l-proċedura ta' spezzjoni u jagħti direzzjonijiet organizzattivi u metodoloġiċi globali għall-funzjonament tal-Ispettorat, jiġifieri poter li jiġu adottati regoli ta' natura ġenerali li l-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda li għandhom jingħataw lil entità oħra. Huwa enfasizzat li l-Kap Spettur għandu d-dritt li jordna spezzjonijiet straordinarji motivati mill-ilmenti mressqa kontra mħallfin minn individwi u apparti dawk ippjanati b'mod annwali, u li jiddefinixxi l-għan tagħhom u t-termini li fihom għandhom isiru. Barra minn hekk, il-Kap Spettur jista' "jeżerċita stħarriġ tal-attività tal-ispetturi" f'każijiet speċifiċi u jidher, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju, li huwa jirrappreżenta istanza ta' appell fir-rigward tal-ispetturi bil-poter li jibdlu jew jemendaw ir-"rapporti ta' spezzjoni" wara oġġezzjonijiet indirizzati lilu mill-membru tal-ġudikatura mistħarreġ [40].

50. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-konċentrazzjoni ta' poteri sinjifikattivi f'idejn id-direttur ta' korp kompetenti sabiex imexxi l-investigazzjonijiet u sabiex jeżerċita l-azzjoni dixxiplinari tista', sa fejn fil-prattika toffri lil dan id-direttur diskrezzjoni wiesgħa fl-implimentazzjoni jew le ta' azzjonijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin, billi jikklassifika r-rapporti bħala li ma għandhom bżonn ebda azzjoni ulterjuri, tiffaċilita l-użu, minn dan id-direttur, tas-sistema dixxiplinari tal-imħallfin sabiex jinfluwenza l-attività tagħhom. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni li tagħti lid-direttur ta' dan il-korp poteri bħal dawk mogħtija lill-Kap Spettur mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' toħloq dubju leġittimu, fl-imħuħ tal-partijiet f'kawża, dwar l-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-imsemmi korp bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew bħala strument ta' kontroll politiku ta' din l-attività [41].

51. Il-kwistjoni tal-qafas regolatorju tal-attivitajiet tal-Ispettorat timplika li għandha tiġi vverifikata l-eżistenza ta' kwalunkwe garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva favur il-membri tal-ġudikatura kkonċernati. Għandu jiġi kkonstatat, f'dan il-każ, li l-proċedura tat-tneħħija tas-sigriet bankarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex ta' natura kontradittorja, li l-istħarriġ imwettaq mill-qorti kompetenti huwa, tal-inqas, ristrett u li d-deċiżjoni tagħha ma tistax tiġi appellata [42]. Madankollu, jista' jiġi osservat li d-deċiżjonijiet tar-rinviju jirreferu għall-Artikolu 175h tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju li jistipula l-possibbiltà għall-persuni kkonċernati li jagħtu spjegazzjonijiet bil-miktub u jipproduċu provi waqt il-verifika tal-fatti ddikjarati mwettqa mill-Ispettorat wara li tintbagħat id-data fuq il-bilanċi u l-movimenti ta' fondi

[38] L-Artikolu 175e(6) u l-Artikolu 175f(1) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju. L-informazzjoni hekk miksuba ma tiġix ippubblikata skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Ispettorat li l-membri tiegħu huma, qabelxejn, suġġetti għal obbligu ta' kunfidenzjalità bis-saħħa tal-Artikolu 20 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali.

[39] Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punti 61 sa 72).

[40] Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punti 69, 70 u 73).

[41] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2023, Inspecția Judiciară (C-817/21, EU:C:2023:391, punti 56 u 57).

[42] Artikolu 62(7) tal-Liġi dwar l-Istabbilimenti ta' Kreditu.

fil-kontijiet bankarji ta' dawn il-persuni. Il-Kummissjoni ta' Venezja tirrileva li r-riżultati ta' spezzjoni għandhom isiru bil-miktub u jiġu sottomessi lill-imħallef ikkonċernat li jista' jissottometti oġġezzjonijiet lill-Kap Spettur, li għandu jagħti risposta motivata [43].

e) Fuq il-prassi tal-Ispettorat

52. Il-qorti tar-rinviju hija ġġustifikata li tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-mod li bih dan il-korp iwettaq il-funzjoni kostituzzjonali tiegħu u li bih jeżerċita d-diversi kompetenzi tiegħu, b'mod partikolari jekk jagħmilx dan, b'effett mill-iskadenza tal-mandati tal-membri tiegħu, b'mod li jista' jixħet dubju fuq l-indipendenza tiegħu fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv [44].

53. Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-uniku inċident li għalih irreferiet il-qorti tar-rinviju b'rabta mal-attivitajiet tal-Ispettorat jikkonċerna l-pubblikazzjoni irregolari, fl-2019, fuq is-sit internet tiegħu ta' data personali ta' diversi membri tal-ġudikatura, u li minħabba din il-pubblikazzjoni ġiet imposta multa fuq dan il-korp. Apparti li dan il-fatt seħħ qabel l-estensjoni tal-mandati inkwistjoni, dan ma għandux ikun analizzat bħala eżempju ta' influwenza esterna, diretta jew indiretta, fuq il-poter eżekuttiv jew leġiżlattiv jew bħala l-okkorrenza jew il-persistenza ta' abbuż ta' poter min-naħa tal-membri tal-Ispettorat li għandu l-għan jew l-effett li jeżerċita pressjoni fuq dawk li għandhom il-kompitu li jiddeċiedu jew jiżguraw kontroll politiku tal-attività tagħhom. Fil-fatt, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-pubblikazzjoni kkontestata oriġinat minn nuqqas individwali ta' uffiċjal tal-Ispettorat, li la huwa l-Kap Spettur u lanqas spettur, u billi l-persuna kkonċernata, li naqset milli twettaq l-anonimizzazzjoni minn qabel tad-data, tkeċċiet minħabba f'hekk.

f) Fuq it-tul tal-estensjoni tal-mandati

54. Fost il-fatturi rilevanti tal-kuntest legali-fattwali nazzjonali li l-qorti tar-rinviju għandha tikkunsidra hemm it-tul tal-estensjoni tal-mandati, f'dan il-każ iktar minn tliet snin fil-mument li fih hija ġiet adita bil-kawża. F'dan ir-rigward, bħala risposta għad-dikjarazzjoni tal-qorti tar-rinviju li l-Ispettorat qiegħed ikompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu "mingħajr ebda data ta' tmiem iddefinita b'mod ċar", il-Gvern Bulgaru u l-Ispettorat fakkru li l-Konstitutsionen sad (il-Qorti Kostituzzjonali), fis-sentenza tal-2022, indikat b'mod ċar li l-perijodu tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu kien jiddependi minn avveniment futur ċar, jiġifieri "sal-elezzjoni tal-Kap Spettur jew tal-ispetturi mill-Assemblea Nazzjonali".

55. Huwa stabbilit li l-membri tal-Ispettorat qegħdin ikomplu jeżerċitaw l-funzjonijiet tagħhom wara l-iskadenza tal-mandati tagħhom minħabba n-nuqqas tal-Assemblea Nazzjonali li teleġġi, fl-2020, is-suċċessuri tagħhom. Issa, il-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja ma fih l-ebda informazzjoni li tippermetti li tiġi kkunsidrata li din is-sitwazzjoni ser tiġi rrimedjata fil-futur ftit jew wisq qarib. Apparti l-assenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu legali kontra l-impass, li jikkonsisti fit-tnaqqis fil-maġġoranza kkwalifikata meħtieġa jew fit-trasferiment tal-kompetenza tal-ħatra lil entità newtrali, huwa sintomatiku li jiġi rrilevat li hemm mhux inqas minn ħames awtoritajiet

[43] Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2017) 018, punt 73).

[44] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 144).

indipendenti ta' stħarriġ li qegħdin jiffunzjonaw ukoll abbażi ta' mandat li laħaq skada [45]. Għalhekk jidher, bla ħsara ta' verifika mill-qorti tar-rinviju, li t-tul tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-ispetturi, wara l-iskadenza tal-mandat tagħhom, jiddependi minn avveniment futur li ma għandux data ċerta, u dan jippermetti li t-tul tal-estensjoni ta' dawn il-mandati jiġi kklassifikat bħala indefinit. Issa, jekk is-sospensjoni għal perijodu indefinit tal-attivitajiet tal-Ispettorat wara l-impass fil-proċess tal-ħatra hija mingħajr dubju preokkupanti, estensjoni indefinita tal-mandati tal-membri tiegħu hija daqstant ieħor preokkupanti.

56. Fil-fatt, jidhirli li t-tħassib leġittimu rrilevat hawn fuq dwar l-għażla tal-kandidati għall-karigi ta' spetturi, dwar il-mod li bih jinħatru l-persuni kkonċernati, dwar il-possibbiltà li jitneħħew minn wieħed minn kull ħamsa tal-membri parlamentari, dwar il-koinċidenza tal-kompetenzi tal-Ispettorat u tal-KSĠ minħabba nuqqas ta' preċiżjoni fil-leġiżlazzjoni applikabbli u dwar il-portata tal-prerogattivi tal-Kap Spettur, huwa aggravat bil-fatt li l-membri tal-Ispettorat qegħdin iwettqu l-attivitajiet tagħhom abbażi ta' mandati li ilhom li skadew minn Jannar jew Frar 2020 [46]. Irrispettivament mill-assenza, fil-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' eżempju konkret ta' stħarriġ jew ta' proposta ta' proċedura dixxiplinari li tista' tqajjem tħassib ta' influwenza esterna jew ta' abbuż ta' poter tal-Ispettorat, il-kontinwazzjoni tal-funzjonament ta' tali korp, mingħajr ebda limitu *ratione temporis* preċiż u ċar, iżżid biss ir-riskju li tali avveniment iseħħ [47].

57. Lil hinn mill-inċertezzi dwar l-iżvolġiment tas-sitwazzjoni individwali tal-membri tal-Ispettorat, estensjoni *a priori* indefinita tal-mandati tal-persuni kkonċernati, mingħajr ebda dettalji dwar dak li huwa meħtieġ sabiex jinstab rimedju fi żmien qasir għall-impass fil-proċess ta' tiġdid ta' dan il-korp, twassal sabiex id-dispożizzjoni kostituzzjonali li tirregola dan il-korp tixxejjen minn kull sens u sabiex, fir-rigward tal-kompożizzjoni u tal-funzjonament tal-Ispettorat, toħloq dubji leġittimi, fl-imħuħ tal-partijiet f'kawża, dwar il-kapaċità li l-membri tal-Ispettorat ma jkunux influwenzati minn elementi esterni u, b'mod partikolari, minn influwenzi diretti jew indiretti tal-poter leġiżlattiv, u kif ukoll dwar in-newtralità tiegħu fil-konfront tal-interessi inkwistjoni u, b'hekk, tista' twassal sabiex dan il-korp ma jkunx jidher indipendenti jew imparzjali bil-konsegwenza li ssir ħsara lill-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija partijiet f'kawża f'soċjetà demokratika [48]. F'sitwazzjoni bħal din, l-Ispettorat ma jistax jitqies li jista' jopera, fi kwalunkwe ċirkustanza, 'il fuq minn kull suspett ta' parzjalità [49].

58. L-estensjoni tal-mandati tal-membri ta' korp bħall-Ispettorat ma għandhiex, fl-opinjoni tiegħi, tiġi aċċettata ħlief b'mod eċċezzjonali u tranżitorju, u dan jimplika li għandu jkun hemm ritorn għan-normalità malajr kemm jista' jkun u huwa diffiċli, għalhekk, li tiġi kkonċiljata mal-applikazzjoni stretta tal-prinċipju ta' kontinwità, liema applikazzjoni ma għandhiex twassal, taħt piena ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għall-possibbiltà li jiġi estiż b'mod indefinit

[45] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-dritt fil-Bulgarija għas-snin 2022 u 2023. Huwa interessanti li jiġi enfasizzat li sitwazzjoni simili kienet seħħet fir-rigward tal-ex Kap Spettur li l-mandat tiegħu ġie estiż effettivament b'sentejn u li l-emendi leġiżlattivi jew kostituzzjonali relatati mal-bidla tal-kompożizzjoni tal-Ispettorat baqgħu fl-istadju ta' sempliċi riflessjoni.

[46] Dan huwa dak li tirrileva, essenzjalment, il-Kummissjoni fir-Rapport dwar l-Istat tad-dritt fil-Bulgarija għas-sena 2022, filwaqt li tibbaża l-konstatazzjoni tagħha fuq dik li tirrigwarda t-tħassib dwar il-funzjonament u l-kompożizzjoni tal-KSĠ, inkluż fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinari, li kulma jmur dejjem jiżdied.

[47] Fis-sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punti 52 u 53) dwar leġiżlazzjoni nazzjonali li temmet b'mod antiċipat il-mandat ta' awtorità ta' kontroll għall-protezzjoni tad-data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indipendenza funzjonali ma hijiex suffiċjenti, waħedha, sabiex tipproteġi lill-awtoritajiet ta' kontroll minn kull influwenza esterna u li s-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' tutela tal-Istat jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' kontroll huwa biżżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom.

[48] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 153).

[49] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 55).

mandat li laħaq skada u, f'dan il-każ, li ma jkunx jista' jiġġedded immedjatament. Estensjoni tal-mandati tal-membri tal-Ispettorat li ilha li seħħet iktar minn tliet snin, mingħajr ebda prospettiva raġonevoli ta' żblokk f'terminu qasir fil-proċess tal-ħatra, ma hijiex ta' natura eċċezzjonali u tranżitorja. Finalment, inżid ngħid li l-*istatus quo* funzjonali bl-ebda mod ma jista' jżomm responsabbli lill-awtorità politika inadempjenti li tkun tixtieq, jekk ikun il-każ, iżżomm fil-kariga personalitajiet b'affinitajiet politiċi kompatibbli u tevita li ġġedded l-Ispettorat abbażi ta' metodu ta' għażla tal-kandidati iktar miftuħ.

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari magħmula għandha tkun li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li tawtorizza lill-membri ta' korp, eletti mill-Parlament għal mandati ta' perijodu ddeterminat minn qabel li ma jistgħux jiġġeddu b'mod konsekuttiv u awtorizzati sabiex jistħarrġu l-attivitajiet u l-integrità tal-imħallfin u tal-prosekuturi kif ukoll sabiex jipproponu li jinbdew proċeduri dixxiplinari kontra dawn tal-aħħar, ikomplu jeżerċitaw *de facto* l-funzjonijiet tagħhom lil hinn mill-iskadenza tal-mandati tagħhom għal żmien indeterminat, mingħajr ebda indikazzjoni dwar x'għandu jsir sabiex jiġi rrimedjat fi żmien qasir l-impass fil-proċess ta' tiġdid tal-membri ta' dan il-korp, meta din il-leġiżlazzjoni ma tkunx maħsuba b'mod li ma tistax tnissel dubju leġittimu fl-imħuħ tal-partijiet f'kawża dwar l-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet ta' dan il-korp bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ta' dawn l-imħallfin u ta' dawn il-prosekuturi jew ta' kontroll politiku ta' din l-attività.

B. Fuq it-tielet domanda preliminari

60. It-tielet domanda preliminari tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi jekk qorti, li tawtorizza lil awtorità Statali oħra sabiex ikollha aċċess għal data relatata mal-bilanċi tal-kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom, tiddeterminax l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali u, għalhekk, tistax tiġi kklassifikata bħala "kontrollur" fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

61. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa neċessarju li jiġu identifikati l-konfini u l-lok tal-operazzjoni ta' "ipproċessar" tad-data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali [50].

62. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-kunċett ta' "ipproċessar" jinkludi kull operazzjoni mwettqa b'mezzi awtomatiċi jew mingħajrhom, u applikata għal data jew settijiet ta' data personali, bħal, b'mod partikolari, il-"ġbir", "il-konsultazzjoni", "l-użu", "l-iżvelar bi trasmissjoni, tixrid jew li xorta oħra jagħmlu l-ipproċessar disponibbli". Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' data personali jista' jkun ikkostitwit minn operazzjoni jew sensiela ta' operazzjonijiet, fejn kull waħda minnhom tkun tirrigwarda xi wieħed mill-stadji differenti li jista' jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali [51].

[50] Għandu jiġi spjegat li l-kunċett ta' "kontrollur" jippreżupponi l-eżistenza ta' "ipproċessar" ta' data personali. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, L-Istat Belġjan (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punt 26).

[51] Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Fashion ID (C-40/17, EU:C:2019:629, punt 72). Għal fini ta' kompletezza, nenfasizza li din is-sentenza tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ipproċessar" kif kien iddefinit fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. Minkejja li din id-direttiva ma għadhiex fis-seħħ u ġiet issostitwita bil-GDPR, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' rilevanti fil-qafas tal-applikazzjoni ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, id-definizzjoni ta' dan il-kunċett baqgħet identika fiż-żewġ strumenti, ħlief għal emendi formali żgħar.

63. Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-awtorità ġudizzjarja tawtorizza l-komunikazzjoni minn bank ta' informazzjoni relatata mal-kontijiet u mad-depożiti ta' membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom lill-Ispettorat. Din l-informazzjoni, li kienet miżmuma mill-bank, tiġi sussegwentement miġbura, analizzata u użata mill-Ispettorat sabiex jiġi skopert kwalunkwe kunflitt ta' interess. Minn dan jirriżulta li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni koperta mis-sigriet bankarju mogħtija mill-awtorità ġudizzjarja jista' jiġi analizzat bħala operazzjoni ta' pproċessar, li tagħmel parti minn proċess ikkostitwit minn diversi stadji li jinvolvi lill-bank, lill-awtorità ġudizzjarja u lill-Ispettorat.

64. Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi stabbilit jekk il-qorti, li tawtorizza dan l-iżvelar, tistax tkun ikklassifikata bħala "kontrollur" fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

65. Fuq dan il-punt, hemm lok li jitfakkar li l-għan li għandu jintlaħaq mill-GDPR, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu kif ukoll mill-premessi 1 u 10 tiegħu, huwa, b'mod partikolari, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari tad-drittijiet tagħhom għall-ħajja privata fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta u fl-Artikolu 16(1) TFUE. Għal dan il-għan, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta definizzjoni wiesgħa [52] tal-kunċett ta' "kontrollur", li l-għan tagħha huwa li tiġi żgurata protezzjoni effikaċi u kompleta tas-suġġetti tad-data [53].

66. Il-kunċett ta' "kontrollur" huwa intrinsikament marbut mal-kontroll li persuna jew entità teżerċita fuq l-ipproċessar ta' data personali [54]. B'mod iktar speċifiku, il-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR jiddefinixxi l-"kontrollur" bħala l-persuna fiżika jew ġuridika, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew kwalunkwe organu ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar [55]. Dan l-artikolu jistipula wkoll li, fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati, b'mod partikolari mid-dritt ta' Stat Membru, il-kontrollur jista' jinħatar jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu previsti minn dan id-dritt.

67. Mill-kliem ta' dan l-artikolu jirriżulta għalhekk li l-identifikazzjoni tal-kontrollur hija bbażata fuq żewġ metodi. Effettivament, għandu jkun ivverifikat jekk persuna ġuridika jew entità tiddeterminax, waħidha jew flimkien ma' oħrajn, l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar inkwistjoni jew inkella jekk dawn humiex iddeterminati mid-dritt nazzjonali.

68. Fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar jiġu ddeterminati skont id-dritt nazzjonali, hemm lok, skont il-ġurisprudenza l-iktar reċenti, li jiġi vverifikat jekk dan id-dritt jaħtarx il-kontrollur jew jipprevedix il-kriterji speċifiċi applikabbli għall-ħatra tiegħu. Il-ħatra tal-kontrollur mid-dritt

[52] Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Valsts ieņēmumu dienests (Ipproċessar ta' data personali għal finijiet fiskali) (C-175/20, EU:C:2022:124, punt 35).

[53] Sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, IAB Europe (C-604/22, EU:C:2024:214, punti 53 sa 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[54] Ara, fuq dan il-punt, il-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, disponibbli fl-indirizz internet segwenti: https://edpb.europa.eu/system/files/2023-10/edpb_guidelines_202007_controllerprocessor_final_fr.pdf, punt 20, li jistipulaw li l-"kunċett ta' kontrollur jirreferi għall-*influwenza* tal-kontrollur fuq l-ipproċessar permezz tal-*eżerċizzju ta' setgħa deċiżjonali*. Kontrollur huwa organu li *jiddeċiedi* dwar ċerti elementi essenzjali tal-ipproċessar."

[55] It-terminu "għanijiet" jirreferi għall-"għaliex" tal-ipproċessar tad-data personali, jiġifieri l-motivi ta' dan l-ipproċessar u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu. It-terminu "mezzi" jirreferi għall-"kif" ta' dan l-ipproċessar, jiġifieri l-mod li bih isir dan l-ipproċessar. Il-mezzi ta' ipproċessar jinkludu għalhekk l-elementi tekniċi u organizzattivi tiegħu, bħall-ħażna, l-aċċessibbiltà u l-perijodu tal-ħażna tad-data personali Ara, fuq dan il-punt, Bygrave, L. A., u Tosoni, L., "Article 4(7). Controller", *The EU General Data Protection Regulation (GDPR): A Commentary*, Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., u Drechsler, L. (ed.), Oxford University Press, Oxford, 2020, p. 150.

nazzjonali tista' tkun mhux biss espliċita, iżda wkoll impliċita. F'dan l-aħħar każ, xorta huwa meħtieġ li din id-determinazzjoni tirriżulta b'mod suffiċjentement ċar mir-rwol, mill-kompitu u mill-kompetenzi mogħtija lill-persuna jew lill-entità kkonċernata [56].

69. F'dan il-każ, mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, bis-saħħa tal-Artikolu 132a(6) tal-Kostituzzjoni Bulgara, l-Ispettorat huwa inkarigat b'mod partikolari sabiex iwettaq stħarriġ tal-integrità u tal-kunflitti ta' interessi tal-membri tal-ġudikatura. Għal dan il-għan, huwa għandu jivverifika, b'mod konformi mal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju [57], id-dikjarazzjonijiet tal-assi u l-interessi li l-membri tal-ġudikatura huma obbligati jibgħatulu. L-Ispettorat għandu jippubblika dawn id-dikjarazzjonijiet fuq is-sit internet tiegħu u jżommhom f'reġistru pubbliku elettroniku [58]. Barra minn hekk, mill-Artikolu 20 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali jirriżulta li l-membri tal-Ispettorat huma obbligati ma jiżvelawx l-informazzjoni koperta minn sigrieti protetti mil-liġi li huma jsiru jafu dwarha fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom.

70. Sabiex iwettaq il-funzjoni tiegħu, l-Ispettorat jista' jikseb komunikazzjoni minn istituzzjoni bankarja ta' informazzjoni relatata mal-kontijiet u depożiti tal-membri tal-ġudikatura u ta' membri tal-familja tagħhom. Il-proċedura segwita quddiem il-qorti tar-rinviju taqa' f'dan il-qafas. Fil-fatt, jekk il-persuni kkonċernati ma jkunux taw il-kunsens tagħhom għal din il-komunikazzjoni, l-Ispettorat jista', skont l-Artikolu 175e(6) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju u tal-Artikolu 62(6) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, jitlob lir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) tordna lill-bank jiżvela data koperta mis-sigriet bankarju.

71. Skont l-Artikolu 62(7) ta' din l-aħħar liġi, din il-qorti għandha tagħti deċiżjoni mhux iktar tard minn 24 siegħa minn meta tirċievi t-talba, filwaqt li tispeċifika l-perijodu li għalih tirreferi l-informazzjoni koperta mis-sigriet bankarju. Mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju [59] u mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Bulgaru [60] jirriżulta li r-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) għandha tistħarreġ biss, minn naħa waħda, jekk it-talba tkunx ġejja minn awtorità pubblika jew minn korp pubbliku msemmi fl-Artikolu 62(6) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u, min-naħa l-oħra, jekk il-persuni, li l-kontijiet tagħhom huma s-suġġett ta' talba għat-tneħħija tas-sigriet bankarju, ikunux suġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni fis-sens tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju.

72. Minn din l-ispjegazzjoni jirriżulta li fil-qafas tal-proċedura stabbilita mid-dritt Bulgaru, ir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) għandha teżerċita biss, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, stħarriġ formali tat-talbiet ta' żvelar ta' informazzjoni koperta mis-sigriet bankarju li jitressqu quddiemha mill-Ispettorat.

73. F'dan ir-rigward, nirrileva li din il-qorti, li ġiet adita fuq inizjattiva tal-Ispettorat, għandha tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet f'terminu partikolarment qasir mingħajr ma tista' tevalwa la r-rilevanza ta' dan l-iżvelar fir-rigward tal-għan relatat mal-iskoperta ta' kunflitti ta' interess u lanqas il-modalitajiet ta' kif din id-data tista' tkun disponibbli u l-użu li l-Ispettorat jista' sussegwentement jagħmel minnha. Barra minn hekk, din l-informazzjoni għandha tintbagħat

[56] Sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, L-Istat Belġjan (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punti 29 u 30). Ara, ukoll, il-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, punt 24, li jistipulaw li, "b'mod iktar komuni, pjuttost milli taħtar direttament lill-kontrollur jew tistabbilixxi l-kriterji għall-ħatra tiegħu, il-liġi ser tistabbilixxi kompitu jew timponi dmir fuq xi ħadd sabiex jiġbor u jipproċessa ċerta data. F'dawn il-każijiet, l-għan tal-ipproċessar spiss jiġi determinat mil-liġi. Normalment il-kontrollur ikun dak li l-liġi taħtar sabiex iwettaq dan l-għan, dan il-kompitu pubbliku".

[57] Nirreferi għall-punt 8 tal-Artikolu 54(1), għall-Artikolu 175a(1) u għall-Artikolu 175b(4) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju.

[58] Dawn ir-rekwiżiti huma stipulati fl-Artikoli 175c(6) u 175d(1) tal-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju.

[59] Ara l-punt 63 tad-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-332/23.

[60] Ara l-punt 26 ta' dawn l-osservazzjonijiet.

direttament mill-bank lill-Ispettorat, li għandu jiżgura l-kunfidenzjalità tagħha. Din l-awtorità għandha teżamina l-kontijiet tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom sabiex tivverifika fiex jikkonsisti l-patrimonju tagħhom u tistħarreġ, skont il-funzjoni mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni Bulgara, l-integrità tal-membri tal-ġudikatura u tivverifika kwalunkwe kunflitt ta' interessi li jista' jkollhom.

74. Minn dawn il-punti niddeduċi li l-qorti ma għandhiex setgħa tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali koperta mis-sigriet bankarju.

75. Min-naħa l-oħra, huwa ċar li d-dritt Bulgaru ddetermina, tal-inqas b'mod impliċitu, l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' din id-data u ħatar lill-Ispettorat bħala l-awtorità responsabbli għal dan l-ipproċessar, skont il-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

76. B'mod korrispondenti, minn din id-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar jirriżulta li, fid-dawl tar-rwol, tal-kompitu u tal-kompetenzi mogħtija lilha mid-dritt nazzjonali, il-qorti, li tawtorizza l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni lill-Ispettorat, ma nħatritx mil-leġiżlatur Bulgaru sabiex teżerċita tali responsabbiltà. Qabelxejn, jidhirli li s-sempliċi fatt li l-komunikazzjoni tal-imsemmija informazzjoni tkun suġġetta għall-awtorizzazzjoni mogħtija minn qorti ma għandhiex tkun biżżejjed sabiex tikklassifika lil din il-qorti bħala "kontrollur" ta' din id-data. Fil-fatt, mill-elementi preċedenti huwa dedott li din l-awtorizzazzjoni għandha biss l-għan li tippermetti lill-Ispettorat jipproċessa d-data personali li tintbagħat lilu mill-bank, b'mod konformi mal-għanijiet u mal-mezzi ddeterminati mid-dritt Bulgaru.

77. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jidhirli li l-qorti li tagħti aċċess lil awtorità pubblika għall-bilanċi ta' kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom biss bil-kundizzjoni li tivverifika minn qabel li din it-talba tressqet quddiemha minn tali awtorità u li tkun tikkonċerna persuni suġġetti għal obbligu ta' dikjarazzjoni tal-assi tagħhom, ma tistax, fid-dawl tar-rwol, tal-kompiti u tal-kompetenzi mogħtija lilha mid-dritt nazzjonali, tiġi kklassifikata bħala kontrollur ta' din id-data personali fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4.

C. Fuq is-sitt domanda preliminari

78. Is-sitt domanda preliminari qiegħda ssir irrispettivament mir-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għat-tielet u r-raba' domanda. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 79(1) tal-GDPR, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, jimponix fuq l-awtorità ġudizzjarja, li tiddeċiedi dwar it-talba għall-iżvelar ta' data personali mressqa minn awtorità Statali, l-obbligu li tiżgura *ex officio* l-protezzjoni tas-suġġetti tad-data li d-data tagħhom tkun ser tiġi żvelata, billi tobbliga lil din l-awtorità tippreżentalha informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà meħuda taħt l-Artikolu 33(3)(d) tal-GDPR u dwar l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, meta jkun magħruf li, fil-passat, l-imsemmija awtorità kkommettiet ksur tas-sigurtà ta' data personali.

79. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-proċedura segwita quddiemha ma hijiex waħda kontradittorja inkwantu s-suġġetti tad-data kkonċernati mit-talba għall-iżvelar tal-bilanċi tal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom ma humiex parti f'din l-istanza[61]. Hija tqis li kieku kellha tillimita ruħha, kif meħtieġ mid-dritt Bulgaru, għal

[61] Għandu jiġi spjegat ukoll li skont l-Artikolu 62(7) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, id-deċiżjoni tar-Rayonen Sad (il-Qorti Distrettwali) ma tistax tiġi appellata.

eżami purament formali ta' dawn it-talbiet, is-suġġetti tad-data jkunu mċaħħda mid-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv iggarantit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1) tal-GDPR, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta.

80. Minn dan jirriżulta li, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda preliminari, huwa neċessarju li jiġi stabbilit jekk dawn id-dispożizzjonijiet jimponux fuq il-qorti, li tagħti deċiżjoni f'tali proċedura, obbligu li tivverifika *ex officio* s-suffiċjenza tal-miżuri intiżi sabiex jipprevjenu kull ksur ulterjuri tas-sigurtà tad-data personali li jkun qiegħed jintalab l-iżvelar tagħha.

81. Fl-opinjoni tiegħi, mill-għan tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1) tal-GDPR jirriżulta li r-risposta tista' tkun biss fin-negattiv.

82. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni koperta mis-sigriet bankarju mqajma mill-qorti tar-rinviju jidhirli li għandha tinftiehem fid-dawl tal-obbligi tal-kontrollur, li għandhom jitfakkru l-karatteristiċi ewlenin tagħhom.

83. Fl-ewwel lok, il-kontrollur huwa obbligat jipprevjeni kull ksur tas-sigurtà tad-data personali. B'mod iktar preċiż, taħt l-Artikolu 5(2) tal-GDPR, il-kontrollur huwa responsabbli għall-osservanza tal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' din id-data stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u għandu jkun f'pożizzjoni li juri li dawn ikunu ġew osservati. B'mod partikolari, il-kontrollur għandu, skont il-prinċipju ta' integrità u ta' kunfidenzjalità tad-data personali stipulat fl-Artikolu 5(1)(f) ta' dan ir-regolament, jiżgura li tali data tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa tad-data personali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa. Skont l-Artikolu 32(1) tal-imsemmi regolament, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw livell ta' sigurtà adattat għar-riskju li joħloq l-ipproċessar.

84. Fit-tieni lok, il-kontrollur huwa obbligat jirreaġixxi għal kull ksur tas-sigurtà tad-data personali. Għal dan il-għan, l-Artikolu 33(1) tal-GDPR jobbligah jinnotifika l-ksur inkwistjoni lill-awtorità ta' kontroll kompetenti, filwaqt li jiddeskrivi, f'konformità mal-paragrafu (3)(d) ta' dan l-artikolu, il-miżuri li huwa jipproponi li jieħu l-kontrollur sabiex jirrimedja l-ksur, inkluż, jekk ikun il-każ, il-miżuri sabiex itaffi l-effetti ħżiena li jista' jkollu.

85. Huwa fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandu jiġi eżaminat l-għan tar-rimedju ġudizzjarju previst fl-Artikolu 79(1) tal-GDPR. Fuq dan il-punt, għandu jitfakkar li, fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, intitolat "Rimedji, responsabbiltà u pieni", il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa, għall-benefiċċju tas-suġġetti tad-data kkonċernati minn ipproċessar ta' data personali, rimedji differenti quddiem l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji u dan filwaqt li huwa spjegat li kull wieħed minn dawn ir-rimedji ġudizzjarji għandu jkun jista' jiġi eżerċitat mingħajr preġudizzju għall-oħrajn [62].

86. L-ewwel nett, l-Artikolu 77(1) tal-GDPR jistipula li kull suġġett tad-data għandu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità ta' kontroll jekk iqis li l-ipproċessar ta' data personali jkun jikser dan ir-regolament. It-tieni nett, skont l-Artikolu 78(1) tal-imsemmi regolament, kull persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità ta' kontroll li tkun tikkonċernaha.

[62] Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság (C-132/21, EU:C:2023:2, punt 34).

87. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 79(1) tal-GDPR, intitolat "Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kontrollur jew proċessur", jiżgura lil kull suġġett tad-data d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv jekk iqis li jkunu nkisru d-drittijiet tiegħu taħt dan ir-regolament minħabba l-ipproċessar tad-data personali tiegħu bi ksur ta' dan ir-regolament. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-artikolu ma jeżentax lis-suġġett tad-data mill-obbligu, li għandu taħt l-Artikolu 82(1) tal-istess regolament, li jipprova li huwa effettivament ġarrab dannu materjali jew morali [63].

88. Fl-opinjoni tiegħi, mill-kliem ta' dawn l-aħħar żewġ artikoli, jirriżulta, mingħajr ambigwità, li l-kawża miġjuba kontra kontrollur jew proċessur għandha l-għan li tirrimedja d-dannu kkawżat mill-ksur preċedenti tad-drittijiet mogħtija mill-GDPR. Min-naħa l-oħra, mill-kliem ta' dawn l-artikoli ma huwa dedott bl-ebda mod li qorti għandha l-obbligu tivverifika *b'mod preventiv* li jkunu ġew adottati miżuri xierqa mill-kontrollur ta' data personali sabiex jiġi evitat ksur ulterjuri ta' dawn id-drittijiet.

89. Fid-dawl ta' dan, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-effett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 79(1) tal-GDPR.

90. Kif jirriżulta mill-premessa 141 ta' dan ir-regolament [64], id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1) tal-imsemmi regolament huma intiżi sabiex jimplimentaw id-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Fi kliem ieħor, il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà inkluda dan id-dritt meta ħejja d-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rimedju li s-suġġett tad-data jista' juża kontra l-kontrollur.

91. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li l-karatteristiċi tar-rimedji previsti fl-Artikoli 77(1), 78(1) u 79(1) tal-GDPR għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Minn din il-perspettiva, għandhom ikunu l-Istati Membri li jiżguraw, fil-qafas tal-awtonomija proċedurali tagħhom, li l-modalitajiet tal-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji jagħtu lis-suġġetti tad-data l-possibbiltà konkreta li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lilhom minn dan ir-regolament [65].

92. Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha li għandu jiġi analizzat ir-rwol mogħti lill-qorti tar-rinviju mil-leġiżlatur Bulgaru.

93. Huwa veru li, skont l-għażla magħmula mil-leġiżlatur Bulgaru, il-qorti għandha teżerċita biss, fil-qafas ta' proċedura mhux kontradittorja, stħarriġ purament formali tat-talbiet għal żvelar tal-bilanċi tal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familji tagħhom, li jitressqu mill-Ispettorat. Madankollu, u minkejja l-kompetenzi limitati tagħha, mill-Artikolu 79(1) tal-GDPR bl-ebda mod ma jirriżulta li din il-qorti għandu jkollha, qabel ma tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet, poter ta' stħarriġ *ex officio* tas-suffiċjenza tal-miżuri meħuda sabiex jipprevjenu kwalunkwe ksur ulterjuri tas-sigurtà ta' din id-data personali.

[63] Sentenza tal-11 ta' April 2024, juris (C-741/21, EU:C:2024:288, punt 39). Min-naħa l-oħra, fil-qafas ta' kawża għad-danni bbażata fuq l-Artikolu 82 tal-GDPR, il-kontrollur inkwistjoni għandu l-oneru li jipprova n-natura xierqa tal-miżuri ta' sigurtà li huwa jkun implimenta taħt l-Artikolu 32 ta' dan ir-regolament. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Natsionalna agentsia za prihodite (C-340/21, EU:C:2023:986).

[64] Din il-premessa tistipula li "*[k]ull suġġett tad-data għandu* jkollu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja unika, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, u *jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta jekk is-suġġett tad-data jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament* jew fejn l-awtorità superviżorja ma tiħux azzjoni b'rabta ma' ilment, tirrifjuta jew tiċħad l-ilment parzjalment jew kompletament jew ma tiħux azzjoni fejn tali azzjoni tkun meħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data" [korsiv miżjud minni].

[65] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság (C-132/21, EU:C:2023:2, punti 51 u 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94. Fil-fatt, jiena nqis li, għar-raġunijiet li spjegajt qabel, id-dritt nazzjonali ħatar lill-Ispettorat bħala kontrollur ta' data koperta mis-sigriet bankarju li l-awtorità ġudizzjarja qiegħda tordna l-iżvelar tagħha. Minn dan jirriżulta li, f'din il-kariga, l-Ispettorat huwa obbligat jieħu l-miżuri kollha xierqa previsti mill-GDPR sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni li jkun ġabar.

95. Minn din il-perspettiva, huwa biżżejjed, sabiex ikun hemm konformità mas-sistema implimentata mill-GDPR, li, skont l-Artikolu 79(1) ta' dan ir-Regolament, is-suġġetti tad-data kkonċernati minn dan l-iżvelar ikunu jistgħu, fil-każ li jinkisru d-drittijiet mogħtija lilhom mill-imsemmi regolament, li jieħdu azzjoni legali kontra l-Ispettorat skont il-modalitajiet proċedurali li jiżguraw ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta [66].

96. Fid-dawl ta' dawn l-argumenti kollha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li, bla ħsara tal-premess, l-Artikolu 79(1) tal-GDPR, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, ma jimponix li l-qorti, li, skont il-liġi nazzjonali, hija inkarigata, fi tmiem proċedura mhux kontradittorja, tiddeċiedi dwar talba għall-iżvelar tal-bilanċi tal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom, tivverifika *ex officio* li l-kontrollur ikun adotta miżuri xierqa sabiex jipprevjeni kwalunkwe ksur ulterjuri tas-sigurtà ta' din id-data personali.

VI. Konklużjoni

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi bil-mod segwenti għall-ewwel, it-tielet u s-sitt domanda magħmula mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija):

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li tawtorizza lill-membri ta' korp, eletti mill-Parlament għal mandati ta' perijodu ddeterminat minn qabel li ma jistgħux jiġġeddu b'mod konsekuttiv u awtorizzati sabiex jistħarrġu l-attivitajiet u l-integrità tal-imħallfin u tal-prosekuturi kif ukoll sabiex jipproponu li jinbdew proċeduri dixxiplinari kontra dawn tal-aħħar, ikomplu jeżerċitaw *de facto* l-funzjonijiet tagħhom lil hinn mill-iskadenza tal-mandati tagħhom għal żmien indeterminat, mingħajr ebda indikazzjoni dwar x'għandu jsir sabiex jiġi rrimedjat fi żmien qasir l-impass fil-proċess ta' tiġdid tal-membri ta' dan il-korp, meta din il-leġiżlazzjoni ma tkunx maħsuba b'mod li ma tistax tnissel xi dubju leġittimu, fl-imħuħ tal-persuni f'kawża, dwar l-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet ta' dan il-korp bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ta' dawn l-imħallfin u ta' dawn il-prosekuturi jew ta' kontroll politiku ta' din l-attività.

2) Il-punt 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

[66] Fuq dan il-punt, nosserva li l-Artikolu 39 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali jipprevedi li, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħha skont il-GDPR u skont l-imsemmija liġi, is-suġġett tad-data jista' jikkontesta l-atti u l-azzjonijiet tal-kontrollur u tal-proċessur quddiem qorti. Fil-qafas ta' din il-proċedura, is-suġġett tad-data jista' jitlob kumpens għad-dannu mġarrab minħabba pproċessar illegali ta' data personali mill-kontrollur jew mill-proċessur.

il-qorti li tagħti aċċess lil awtorità pubblika għall-bilanċi ta' kontijiet bankarji ta' membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom biss bil-kundizzjoni li tivverifika minn qabel li din it-talba tkun tressqet quddiemha minn tali awtorità u li tkun tikkonċerna persuni suġġetti għal obbligu ta' dikjarazzjoni tal-assi tagħhom, ma tistax, fid-dawl tar-rwol, tal-kompiti u tal-kompetenzi mogħtija lilha mil-liġi nazzjonali, tiġi kklassifikata bħala kontrollur ta' din id-data personali.

3) L-Artikolu 79(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-qorti li, skont il-liġi nazzjonali, hija inkarigata, fi tmiem proċedura mhux kontradittorja, tiddeċiedi dwar talba għall-iżvelar tal-bilanċi tal-kontijiet bankarji tal-membri tal-ġudikatura u tal-membri tal-familja tagħhom, tivverifika *ex officio* li l-kontrollur ikun adotta miżuri xierqa sabiex jipprevjeni kwalunkwe ksur ulterjuri tas-sigurtà ta' din id-data personali. Madankollu, id-dritt nazzjonali għandu jipprevedi li l-modalitajiet proċedurali tal-azzjoni legali li, skont dan l-Artikolu 79(1), is-suġġetti tad-data kkonċernati mill-iżvelar jistgħu jiftħu kontra l-kontrollur, jiżguraw id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.